MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2015

Numru. 993/2014

**Il-Pulizija**

**(Spt Spiridione Zammit)**

**vs.**

**Ian Mizzi**

**- *Omissis* - u**

**- *Omissis* -**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Ian Mizzi ta’ 19-il sena bin Victor u Pauline nee’ Sciberras imwieled Zabbar fi 12 t’Ottubru 1989 u joqghod 96, Shamrock Triq il-Falkunier Fgura detentur tal-karta tal-identita’ b’numru 467789M; u

*Omisses u*

*Omissis*

1. Ilkoll akkuzati talli nhar it-2 ta’ Mejju 2009 ghal habta ta’ 10 pm u hinijiet wara waqt li kienu fi Pjazza Redent Gauci Fgura kkommettew serq ta’ soft toys, stationery, first aid box, trophies, torches u xi accessorji ohra li jintuzaw mill-Girl Guides tal-Fgura, mill-fond ‘Fgura Girl Guides Headquarters’ ghal valur ta’ madwar (€265) ghad-dannu tal-Fgura Girl Guides liema serq aggravat bil-mezz, valur u bil-hin.
2. U aktar talli nhar it-2 ta’ Mejju 2009 ghal habta ta’ 4pm u hinijiet wara bil-lejl volontarjament hassru jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ ghamlu hsara fuq lockers u bieb ta’ barra tal-fond bl-isem ‘Fgura Girl Guides Headquarters’ sitwat fi Pjazza Redent Gauci Fgura ghad-dannu tal-Fgura Girl Guides u tal-Kunsill Lokali tal-Fgura liema hsara ma tiskorrix 1164.69 Euros imma hi izjed minn 116.47 Euros.
3. – *Omissis* - wahdu akkuzat talli fix-xahar ta’ Frar 2009 f’xi hin bil-lejl waqt li kien fl-inhawi tal-Fgura volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ ghamel hsara fuq Transit Blu liema numru tar-registrazzjoni u sid tieghu mhux maghruf u liema hsara ma tiskorrix 116.47 Euros imma izjed minn 23.29 Euros.
4. Ian wahdu akkuzat talli fl-istess cirkustanzi kiser il-provvedimenti ta’ l-Artikolu 22 tal-Kap 446 li kienu gew imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LLD nhar it-22 ta’ Settembru, 2008.
5. Ian wahdu b’hekk sar recidiv b’sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza saret definittiva u dan ai termini ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens mibghut mill-Avukat Generali fit-23 ta' Gunju, 2009, sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja, u rat li l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li kaz jigi hekk deciz u trattat.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha u d-dokumenti ezebiti, inkluz il-*pre-sentencing report* tal-Probation Officer Ivan Sultana.

Rat li fis-seduta tat-3 t'Ottubru 2014, sar is-segwenti verbal:

*"Il-Qorti ai termini tal-Artikolu 28D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tissolleva ex officio l-kwistjoni illi r-reati li bihom l-imputat Ian Mizzi jinsab akkuzat jidhru li saru fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza kontra l-istess imputat, moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-22 ta' Settembru 2008.*

*Il-Qorti qed tordna l-fotokopja legali ta' din is-sentenza tigi inserita fl-atti ta' dan il-process u qed taghti seduta stante kopja lill-imputat Ian Mizzi ta' din is-sentenza u tordna lil hati sabiex jidher fis-seduta li jmiss fid-9.30a.m. sabiex tigi trattata is-sentenza sospiza.*

*Dr. Filletti ghall-imputat Ian Mizzi jiddikjara li huwa ha konjizzjoni tad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti kif ukoll tas-sentenza allegata in atti llum u li jifhem l-import tad-digriet u tas-sentenza. Jitlob pero illi t-trattazzjoni fuq din il-kwistjoni tas-sentenza sospiza li intrinsikament marbuta mat-trattazzjoni tal-piena tkun trattata llum minflok f'differiment u fl-ahjar interess tal-gustizzja.*

*L-Ufficjal Prosekutur m'ghandux oggezzjoni ghat-talba tad-Difiza.*

*Il-Qorti tilqa' t-talba u tawtorizza li t-trattazzjoni dwar il-kwistjoni tas-sentenza sospiza ssir illum flimkien ma' sottomissjonijiet ohra jekk ikun il-kaz dwar il-piena."*

Semghet it-trattazzjoni finali tal-parijiet dwar il-kwistjoni tas-sentenza sospiza u dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni tal-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat u l-fatt li huwa ikkoopera mal-pulizija. L-imputat irrifonda il-parti tieghu (terz) tad-danni kagunati lill-bieb tal-Kunsill Lokali tal-Fgura, fejn huma allokati il-Fgura Girl Guides Headquarters, pero ma irrizultax li hallas il-parti pro rata tieghu ghad-danni li sofrew il-Fgura Girl Guides li b'kollox jammonta ghal madwar €300.00,[1] u ghalhekk l-imputat ma irrizarcixxiex lill-Girl Guides l-ammont dovut minnu *pro rata* ta' €100.00.

L-imputat ikkommetta dan ir-reat meta kellu dsatax (19)-il sena. Mill-*pre-sentencing report* jirrizulta li l-imputat ghadda minn zmien xi ftit turbulenti waqt l-adoloxxenza tieghu – u fil-fatt dan huwa rifless fil-fedina penali – pero, issa jidher li ddispjacih mill-agir tieghu fil-passat, qata' l-kumpanija hazina li kellu, ghandu xoghol stabbli u jinsab integrat fis-socjeta, u mill-fedina penali aggornata ma jirrizultax li l-hati rega' kiser difrejh mal-gustizzja wara dan l-incident.

Fil-fatt, il-Probation Officer irrakomanda li l-hati jinghata Ordni ta' Servizz fil-Komunita ta' 100 siegha, skont l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 466 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti taqbel ma' din ir-rakkomandazzjoni.

Pero il-problema li tezisti f'dan ir-rigward huwa li l-imputat huwa hati wkoll li kiser ordni ta' liberazzjoni kondizzjonata u li ghamel reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza.

[1] Ara Dok SZ5 a fol. 23 tal-process u xhieda ta' Sharon Bonello fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2010.

Fir-raba' imputazzjoni, l-imputat ammetta – u gie ppruvat - li ikkommetta reat waqt li kien taht Ordni ta' liberta kondizzjonata, imposta fuqu b'sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tat-22 ta' Settembru 2008, liema sentenza hija definittiva u ma' tistax tigi mibdula.

L-Artikolu 23(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta jippreskrivi illi:

*"(1) Jekk persuna li fil-kaz taghha jkunu saru xi sanzjoni komunitarja jew ordni ghall-liberazzjoni kondizzjonata, sussegwentement tinhareg fir-rigward taghha dikjarazzjoni ta' htija minn jew quddiem xi qorti dwar reat li jkun sar matul il-perjodu ta' probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-qorti –*

*(a) jekk tkun l-istess qorti li tkun ghamlet l-ordni ta' probation, l-ordni ta' servizz fil-komunità, l-ordni ta' probation u servizz jew l-ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata, <u>tista'</u> tittratta lil dik il-persuna ghar-reat li dwaru tkun saret dik l-ordni b'kull mod li tista' tittratta lill-hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem dik il-qorti ghal dak ir-reat;*

*(b) jekk tkun qorti differenti, ghandha tibghat lil dik il-persuna quddiem il-qorti li tkun ghamlet l-ordni ta' probation, l-ordni ta' servizz fil-komunità, l-ordni ta' probation u servizz jew l-ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata u dik il-qorti ghandha kemm jista' jkun malajr, tara li dik il-persuna tingieb quddiemha, u meta tingieb prova ghas-sodisfazzjon taghha tad-dikjarazzjoni ta' htija dwar ir-reat ulterjuri, <u>tista'</u> tittratta lil dik il-persuna ghar-reat li dwaru tkun saret l-ordni b'kull mod li setghet tittratta lill-hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minnha jew quddiemha ta' dak ir-reat."* (sottolinear ta' din il-Qorti)

Disposizzjoni sostanzjalment simili ghal dan l-Artikolu 23(1) tal-Kapitolu 446 kienet tezisti fl-Artikolu 10(1) tal-Kapitolu 152, liema Kapitolu huwa llum abrogat, u sostitwit bil-Kapitolu 446.[2] L-

[2] L-artikolu 10(1) tal-Kapitolu 152 kien jippreskrivi hekk: *"Jekk persuna li fil-kaz taghha jkun gie maghmul ordni ta' probation jew ordni ghal liberazzjoni taht kondizzjoni tigi 'l quddiem misjuba hatja minn jew quddiem xi qorti ta' reat maghmul matul il-perjodu ta' probation jew matul il-perjodu tal-liberazzjoni taht kondizzjoni, il-qorti –*
*(a) jekk tkun l-istess qorti li kienet ghamlet l-ordni tal-probation jew l-ordni ta' liberazzjoni taht kondizzjoni tista' tittratta ma' dik il-persuna ghar-reat li ghalih l-ordni gie maghmul b'kull mod li bih kienet tkun tita' titratta maghha kieku kienet ghadha kif giet dikjarata hatja minn jew quddiem dik il-qorti ghal dak ir-reat;*

Artikolu 10(1) tal-Kapitolu 152 kien gie interpretat fis-sentenza **Il-Pulizija v. Andrew Buhagiar** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Gunju 1999, fejn gie ritenut illi: *"L-uzu tal-kelma sottolineata "tista" – "may" fit-test ingliz – ma' jfissirx li dik il-Qorti ghandha xi ghazla fis-sens li tista' tittratta ma' dik il-persuna u tista' ma titrattax maghha, kif donnu ried ifisser l-abbli difensur tal-appellat. Il-Kap. 152, infatti, anqas biss jikkontempla l-possibilita li dik il-Qorti taghzel li ma' titrattax mal-persuna li tkun kisret l-ordni ta' probation jew ta' liberazzjoni taht kondizzjoni. Il-kelma "tista'" f'dan il-kuntest tfisser biss li dik il-qorti jkollha s-setgha li tittratta ma' dik il-persuna bl-istess mod daqs li kieku dik il-persuna tkun ghadha kif giet misjuba hatja quddiem dik il-qorti. Ghalhekk, kemm fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 10, kif ukoll fil-paragrafu (a) tal-istess subartikolu, il-kelma "tista" fl-espressjoni "tista' tittratta ma' dik il-persuna" tfisser li l-qorti li tkun ghandha tittratta ma' dik il-persuna."*[3] (sottolinear dik il-Qorti).

Fl-opinjoni ta' din il-Qorti din l-interpretazzjoni li l-Qorti tal-Appell Kriminali tat lill-Artikolu 10(1) tal-Kapitolu 152 ghandha tapplika bl-istess mod fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 23(1) tal-Kapitolu 446, li kif diga inghad huwa sostanzjalment simili. Fil-kaz odjern, l-Ordni ta' liberta kondizzjonata giet imposta fuq l-imputat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), u konsegwentement din il-Qorti hija obbligata li tittratta mal-imputat kif jipprovdi l-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bis-sentenza tat-22 ta' Settembru 2008, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fuq imsemmija, kienet poggiet lill-hati odjern taht Ordni ta' liberta kondizzjonata ghax sabitu hati tar-reat ta' taghrif falz billi wahhal sett ta' pjanci tar-registrazzjoni ta' vettura foloz, tar-reat li ghamel uzu minn dokument falsifikat billi wahhal il-pjanci ta' vettura partikolari fuq vettura ohra, u tar-reat ta' serq ta' pjanci ta' vettura, li huwa aggravat bix-xorta tal-haga misruqa, u dan bi ksur tal-Artikoli 188, 189 u 271(g) tal-Kodici Kriminali. Ir-reat taht l-Artikolu 189 huwa alternattiv ghal dak taht l-Artikolu 188, li ghalih tista tinghata l-piena ta' sentejn prigunerija jew multa. Pero r-reat ta' serq aggravat bix-xorta tal-haga misruqa huwa punit bil-piena ta' prigunerija minn seba' xhur sa sentejn (ara Artikolu 281(a) tal-Kodici Kriminali.)

---

*(b) jekk tkun qorti differenti, ghandha tibghat lil dik il-persuna quddiem il-qorti li minnha l-ordni ta' probation jew l-ordni ghal liberazzjoni taht kondizzjoni kien maghmul u dik il-qorti ghandha, malli jkun prattikabbli iggieghel lil dik il-persuna li tidher jew tingieb quddiemha u fuq prova ghas-sodisfazzjoni tal-qorti tad-dikjarazzjoni ta' htija dwar ir-reat l-iehor tista' tittratta ma' dik il-persuna ghar-reat li ghalih l-ordni kien gie maghmul b'kull mod li bih kienet tista' tittratta maghha kieku kienet ghadha kif giet misjuba hatja ghal dak ir-reat minn jew quddiem dik il-qorti."*

[3] Ara fl-istess sens is-sentenza **Il-Pulizija v. Raymond Callus** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta' Dicembru 2001.

Din il-Qorti hija obbligata li tinfliggi piena fuq l-imputat ghal dawn l-imputazzjonijiet, li taghhom kien instab hati fis-sentenza tat-22 ta' Settembru 2008 tal-Qorti tal-Magistrati (Malta).

Fil-fatti specje tal-kaz odjern, is-subincizi (2) u (3) tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446[4] jipprojbixxu lil din il-Qorti milli tpoggi lill-hati taht sanzjoni komunitarja jew taghmel ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata, fil-waqt li l-Artikolu 28A(7)(c)[5] jipprojbixxi lil din il-Qorti milli timponi sentenza sospiza. Konsegwentement, fil-fatti specje tal-kaz odjern, il-piena minima hija dik ta' piena karcerarja effettiva ghall-imputazzjoni ta' serq u multa ghall-imputazzjoni tad-dikjarazzjoni falza.

Fit-trattazzjoni orali, l-Ufficcjal Prosekutur u l-abbli difensur tal-imputat issottomettew li din il-Qorti m'ghandhiex timponi piena karcerarja effettiva, ghax mhix idonea ghall-fatti specje tal-kaz odjern. Fil-*pre-sentencing* report, l-Ufficcjal tal-Probation ukoll issottometta li din il-Qorti ma timponix piena karcerarja effettiva, imma timponi multa.

Sabiex isir dan, din il-Qorti trid bil-fors taghti piena taht il-minimu preskritta mil-ligi meta teroga l-piena ghal ksur tal-ordni ta' liberazzjoni kondizzjonata. Kif diga inghad mill-*pre-sentencing report* jidher li l-imputat irrikonoxxa l-izbalji li ghamel, tbieghed mill-kumpanija hazina u mit-triq tal-kriminalita, u qieghed jahdem regolari u jinsab integrat fis-socjeta.

---

[4] L-Artikolu 23(2) jippreskrivi illi: *"Bla hsara ghad-disposizzjoni tas-subartikolu (3), meta persuna tigi ttrattata ghar-reat li dwaru tkun tqeghdet taht probation b'ordni ta' servizz fil-komunità, jew b'ordni ta' probation u servizz jew tkun giet kondizzjonalment liberata, jew il-qorti ma tkunx tista' tqieghed lill-hati taht sanzjoni komunitarja jew taghmel ordni kif provdut fl-artikolu 22(1)."*

L-Artikolu 23(3) jippreskrivi illi: *"Is-subartikolu (2) m'ghandux japplika meta r-reat maghmul matul il-perjodu ta' probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata u li dwaru l-persuna sussegwentement tigi dikjarata hatja , jkun kontravvenzjoni jew ikun delitt ta' omicidju involuntarju, jew offiza involontarja fuq il-persuna, jew hsara involontarja fuq il-proprjetà."*

[5] L-Artikolu 28A(7)(c) jippreskrivi illi: *"Ordni bis-sahha tas-subartikolu (1) ma ghandux isir f'xi wiehed mill-kazijiet li gejjin - ... ...*

*(c) meta r-reat ikun sar fil-perijodu ta' probation jew ta' liberazzjoni taht kondizzjoni skond l-Att dwar il-*

*Probation."*

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Rittmar Hatherly** et deciza fid-9 t'Ottubru 2008, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[6] irriteniet hekk: *"Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija. Kif jispjega David Thomas fil-ktieb tieghu* ***Principles of Sentencing*** *(Heinemann, London, 1979):*

*"The term 'inadequate recidivist' is used to describe an offender, middle aged or older, who has over a long period of years committed numerous offences, not in themselves in the first rank of seriousness, and has served many terms of imprisonment as well as experiencing an extensive selection of other penal measures. Faced with such an offender, the Court will usually grasp any chance of breaking the cycle of offence and sentence, even if the chances of success are obviously limited...As in the case of the intermediate recidivist there must be some prospect of success, however remote" (pp. 22, 23).*

Mis-suespost, jidher li l-imputat f'dawn l-ahhar erba' snin ghamel l-almu tieghu mhux biss biex jitbieghed mit-triq tal-kriminalita, izda wkoll biex jerfa' r-responsabbilita tieghu u jahdem u mill-*pre sentencing report* jirrizulta li hu mhajjar ikompli jistudja. Mill-fedina penali aggiornata ma jirrizultax li l-imputat rega' xellef difrejh mall-gustizzja. Il-Qorti, wara li irriflettiet fit-tul, hija tal-opinjoni li l-isforzi tal-imputat jisthoqqilhom li jigu inkoraggiti u li f'dan il-kaz jezistu cirkostanzi specjali u straordinarji ai termini tal-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali, ghalfejn il-piena ghandha tkun taht *il-minimum* stabbilit mil-ligi, u stante li piena karcerarja effettiva mhix idonea fic-cirkostanzi.

Fir-rigward tal-ksur tas-sentenza sospiza, japplikaw l-istess konsiderazzjonijiet li japplikaw ghal ksur tal-Ordni tal-liberta provvizorja, u ghalhekk fl-opinjoni tal-Qorti piena ta' prigunerija effettiva mhix idonea fil-kaz odjern. Ghalhekk, din il-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, tqis li ma tkunx haga gusta li din s-sentenza sospiza tigi reza operattiva.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti wara li rat l-Artikoli 261(b), (c) u (f), 263, 267, 270, 325(1)(b), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel (1), t-tieni (2) u l-hames (5)

[6] *Per* Prim Imhallef Vincent De Gaetano.

imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula, qieghda, ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tpoggieh taht Ordni ta' Servizz fil-Komunita billi jaghmel xoghol bla hlas ghal mitt (100) siegha f'dak il-post u skont l-arrangamenti li jsiru mill-Ufficcju tal-Probation u Parole, bl-approvazzjoni ta' din il-Qorti, u bil-kundizzjonijiet l-ohra indikati fl-istess Ordni hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

Din l-Ordni qed issir wara li din il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u semplici l-effett ta' l-ordni u li jekk huwa jonqos li jikkonforma ruhu maghha jew jaghmel xi reat iehor, huwa jkun jista' jinghata sentenza ghar-reat originali.

Ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446, il-Qorti qieghda tordna lill-hati ihallas lill- Girl Guides tal-Fgura is-somma ta' mitt Euro (€100), rapprezentanti terz tad-danni lilhom kagonati bir-reati li taghhom l-imputat instab hati.

In oltre, in vista tal-fatt li din il-Qorti sabet lill-imputat hati tar-raba' imputazzjoni, u cioe li kiser il-kundizzjonijiet tal-ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata tat-22 ta' Settembru 2008 maghmul mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, din il-Qorti qieghda, a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tittratta mal-hati ghall-imputazzjonijjiet li dwarhom hu kien tpogga taht tali ordni, daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet, u filwaqt li ghal kull bwon fini tikkonferma l-htija fir-rigward tal-imsemmija imputazzjonijiet, tirrevoka l-ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata maghmul bis-sentenza msemmija, u wara li rat l-Artikoli 21, 188, 189, 271(g) u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-hati ghal perjodu ulterjuri ta' ghaxar (10) xhur prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghdin jigu sospizi ghal perjodu ta' sentejn mil-lum, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti wissiet lil hati bi kliem car il-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija matul dan il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza.

In vista tal-fatt li din il-Qorti sabet lil Ian Mizzi hati wkoll li ikkommetta r-reati imsemmija fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza tat-22 ta' Settembru 2008 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ghar-ragunijiet fuq moghtija, il-Qorti qed tastjeni milli tirrendi dik is-sentenza operattiva, u dan ai termini tal-Artikolu 28B(2)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------